**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Wayne Caruana**

**Kumpilazzjoni numru 2/2017**
**Illum 5 ta' Jannar 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wayne Caruana** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 103182 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-31 ta' Dicembru 2016, ghall-habta ta' 20:20hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Convenience Shop li jinsab fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Zejtun:

1. Ikkommetta serq ta' 350 Ewro, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disa' w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, u li

sar għad-dannu ta' Charles Vella u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Noeleen Borg, Mariella Agius, Sadie Bunce u Dolores Aquilina kontra l-volonta' taghhom;
3. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dinotrni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Ikkunsidrat.**

Rat id-dokumenti ezibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Jannar 2017, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u cioe li din il-Qorti kienet

tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliggi fuqu wkoll il-piena ta' priġunerija skont il-Ligi, il-Qorti tatu zmien bizzejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu u dan anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat tiegħu.

Wara li reggħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu, l-imputat rega' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deciżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża. Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni migjuba kontra tiegħu kif specifikat aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tigi inflitta fejn qablu li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuz mid-droga u jeħtieg li jkun mgħejjun jegħleb l-istess vizzju.

Il-Qorti semghet lill-imputat jiskuza ruhu mal-persuna kollha li kienu fil-post fejn sehh il-hold up li kienu prezenti biex jixhdu fil-kawza u li l-flus li nsterqu inghataw lura lill-propjetarji ta' The Convenience Shop.

L-imputat stqarr li huwa jaghraf li zbalja u tant iddispjacih ta' dak li kien ghamel li rega' mar lura fuq il-post. Huwa ddikjara li jrid jirritorna lura fis-socjeta' hieles mill-vizzju biex ikun jista' jibni relazzjoni stabbli u jkun cittadin dehen ta' dan il-pajjiz.

Din il-Qorti tqis li l-gravita tar-reat timmerita piena karċerarja fil-forma effettiva u sabiex il-Qorti tipprova tagħti cans lil Wayne Caruana jaqbad it-triq it-tajba, jiehu trattament ghall-vizzju li ghandu u ma jibdiex karriera dieħel u ħiereg il-ħabs.

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu u ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddecidi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha Il-**Pulizija vs Amadeo Grima** deciza fil-15 ta' Dicembru 2016 fejn intqal:

> "*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali.*

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[1] li:

> *"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[2] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

[1] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149
[2] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

**Decide :**

Rat il-fedina penali tiegħu li hi kwazi netta tant li ma kinetx addebittata r-ricediva, **skuza ruhu mal-vittmi prezenti fl-awla, element important hafna tal-gustizzja riparattrici fejn hati jiffaccja l-vittma tieghu u jitolbu skuza,** li rritorna l-flus misruqa lura u li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-piena.

Li għar-ragunijiet premessi, filwaqt li ssib lil Wayne Caruana ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu wara li rat l-Artikolu 86, 87(1)(e), 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 276, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali u Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah għall- perjodu ta' tmintax (18) –il xahar priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qieghda b'zieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' supervizjoni (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' supervizjoni") li permezz tiegħu tqiegħed lill-ħati taħt is-supervizjoni t'Ufficjal Sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħti lilu illum nonche l- konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat- termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' supervizjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara rat ukoll li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieg li l-ħati jigi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikologici li jidher affetwat minnhom inkluz l-abbuz minn drogi u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaccja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**